**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 7.09.08:** IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

**IT-TNEJN, 8.09.08: FESTA TAT-TWELID TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA. (Il-Vitorja)**

Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa f'din il-ġurnata għażiża li hija wkoll marbuta ma' l-istorija ta' pajjiżna.

Il-quddies ikun bħal nhar ta' xagħol, pero' jkun hawn quddiesa ohra fil-**11.00a.m**.

**IL-ĠIMGĦA,12.09.08:** Wara l-quddiesa ta' fil-għaxija se jkun hawn il-prova tal-Kant fil-knisja għall-membri tal-Kor tal-Kbar. Il-membri kollha huma mitluba biex jattendu.

**IS-SIBT, 13.09.08:** Illum hija t-tifkira tad-dehra tal-Madonna ġewwa fatima.

Fis-**6.15a.m.** quddiesa bil-prietka fuq id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.

**IL-ĦADD, 14.09.08: FESTA TA' L-EŻALTAZZJONI TAS-SALIB IMQADDES.**

Fil-għaxija se jiġi organizzat High Tea mill-parroċċa. Biljetti minn għand l-organizzaturi.

Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddiesa tkun għar-restawri tal-knisja.

## Bi Tħejjija għall-Bidu tas-Sena Pastorali

Bħas-snin l-imgħoddija, il-parroċċa f'Settembru tħejji għas-sena pastorali li tkun ġejja billi torganizza laqgħat ta' spiritwalita' . Din is-sena l-ġranet se jkunu bejn is-17 u d-19 ta' Settembru. Il-programm sħiħ se jidher fil-Bullettin tal-ġimgħa li ġejja.

## ATTIVITA' GĦAT-TFAL

Nhar is-**Sibt, 13 ta' Settembru** se ssir attivita' għat-tfal kollha tal-parroċċa. Din se tkun fid-Dar Parrokkjali u tibda bil-quddiesa li tkun fit-**8.30a.m**. Għalhekk il-quddiesa tat-Tfal minflok li se tkun fil-10.30a.m. se tkun fit-8.30a.m.

Wara l-quddiesa t-tfal kollha se jmorru fid-Dar Parrokkjali fejn se jkollhom Power Point interessanti u xi attivitajiet oħra għalihom.

Jingħataw ukoll rigali. Nistiednu lit-tfal kollha biex jieħdu sehem, f'din l-attivita'

## ATTIVITA' MILL-MEMBRI TAL-MUSEUM

Il-membri tas-Soċjeta' tal-Museum se jorganizzaw attivita' għal kulħadd nhar il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 12, 13, u 14 ta' Settemrbu, fuq iz-zuntier, fil-knisja u fil-ġnien ta' Santu Wistin ir-Rabat. Din se ssir fl-okkażjoni ta' l-ewwel sena mill-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca.

Ikun hemm laqgħat ta' tagħlim; konferenzi; djalogu u mistoqsijiet, mumenti ta' talb; counselling; qrar; u anke attivitajiet għat-tfal kollha.

Il-familji kollha huma mistiedna biex jattendu.

### MILL-PROPONIMENTI TAL-PAPA ĠWANNI XXIII

- Niddedika 10 minuti mill-ħin tiegħi għall-qari tajjeb. Kif l-ikel hu meħtieġ għall-ħajja tal-ġisem, hekk ukoll il-qari tajjeb hu meħtieġ għall-ħajja tar-ruħ.
- Nagħmel għall-inqas opra tajba mingħajr ma' ngħid biha lil ħadd.
- Nagħmel sagrifiċċju, billi nagħmel imqar ħaġa waħda li ma' nieħux gost nagħmilha, u jekk inħossni offiż, nipprova li ħadd ma jittendi.
- Nippjana l-ġurnata avolja naf li minix ħa nimxi eżatt mal-pjan, imma xorta waħda nagħmlu. Infittex li nevita żewġ żbalji:

1) La ngħaġġel iżżejjed fid-deċiżjonijiet li nieħu; 2) U lanqas nibqa' ma' niddeċiedi qatt.